KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 451 (8-79)

It-Tnejn 11 ta' Marzu 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija
Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm peress li ma kienx hemm kworum.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Kurstein Sant

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**451.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**451.1.2** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**451.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 450. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**451.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**451.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**451.3.1** Is-Sindku informa li x-xogħol fi Triq L-Imqabba reġa tkompla llum. Hu qal li jonqos l-aħħar saff ta' tarmac fi Triq Annabelle Vassallo. Huwa qal li dalgħodu inqalgħu xi issues minn residenti sidien tal-ġnien fejn parti minnu ġiet esproprijata biex issir it-triq. Huwa qal li kien hemm idejat żbaljati li l-Kunsill kien talab dan, u qal li lura fis-sena 2021 kien sar avviż skond il-liġi tal-esproprijazzjoni fejn is-sidien ikollhom ċans għal appell, iżda sad-data tal-għeluq ma sarux appelli. Għalhekk tkompla l-proċess tal-esproprijazzjoni fejn issa is-sidien jingħataw renumerazjoni għall-art skond il-liġi. Hu qal li għalhekk, ix-xogħol jista jkompli u ser isiru xi xogħolijiet mill-Enemalta fejn il-Kunsill intalab jagħti in-no objection, ħalli x-xogħol ikun amalgamat mal-proġett. Is-Sindku qal li qed isegwi mal-perit ta' Infrastructure Malta minħabba s-senjaletika neċessarja u anka biex isiru devjazzjonijiet temporanji skond l-andament tax-xogħolijiet.

**451.3.2** Is-Sindku qal li l-proġett ta' Ramija miexi kif pjanat u anka l-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier qiegħed fi stat avvanzat fejn issa l-ewwel parti tat-triq qegħda tintuża għal parkeġġ.

**451.3.3** Is-Sindku qal li t-talba għal manutenzjoni ta' bankini intbagħtet lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u għandu jgħaddi il-lista finali lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-lista tinkludi bankini li tressqu mill-Kunsillier Julian Borg u anka mill-Viċi Sindku. Hu qal li minn informazzjoni ix-xogħolijiet ġew approvati li nistennew data meta ser jibda x-xogħol.

**451.3.4** Is-Sindku qal li flimkien mal-awtoritajiet tal-Knisja, u tat-Trasport Pubbliku saru diversi laqgħat biex tinstab l-aħjar proposta għad-devjazjoni tar-rotta tat-trasport pubbliku. Hu qal li għalissa ir-rotta ser tiġi ddevjata u eventwalment, għal bidu tal-leġislatura l-ġdida għandha tittieħed deċiżjoni dwar devjazjoni konkreta. Hu qal li qed isiru wkoll diskussjonijiet mac-CEO ta' Infrastructure Malta rigward esproprju ta' biċċa art fi Triq it-Tank li tkun tista' ssolvi din il-problema u b'hekk tinħoloq rotta ċirkulari. Hu qal li kellna anka laqgħa fuq bażi ministerjali rigward din l-issue.

**451.3.5** Is-Sindku qal li qed isiru l-aħħar tħejjijiet għas-serata tas-16 ta' Marzu, fl-iskola Primarja fis-6.00pm, fejn dakinhar jingħataw l-Unuri lill-persuni nominati li ġew approvati fis-Seduta preċedenti.

**451.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**451.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk hemmx xi aġġornament dwar ix-xogħolijiet taz-zuntier peress li dal-aħħar ix-xogħol kien wieqaf. Is-Sindku qal li ma kien infurmat bl-ebda issue partikolari.

**451.4.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li iktar kmieni din il-ġimgħa bagħat jistaqsi fuq ic-chat tal-Kunsill rigward blue parking bay li kienet qed tinżeba minn ħaddiem tal-Kunsill fi Triq is-Siġġiewi. Huwa talab jekk kienx hemm approvazjoni u li s-Sindku wieġeb li qed jiċċekja. Il-Kunsillier Borg qal li wara li staqsa informazzjoni lil Transport Malta, intbagħtet email, fejn qiegħed ikkupjat il-Kunsill kollu, bil-blue bays kollha approvati fil-lokalita', fejn jidher li din partikolari u anka hemm diversi oħrajn li inżebgħu dan l-aħħar saru mingħajr approvazjoni. Il-Kunsillier Borg staqsa lis-Sindku jekk kienx ordna hu dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li jrid jivverifika. Il-Kunsillier Borg staqsa min jagħti direzzjoni tax-xogħolijiet lill-ħaddiema barra hu u l-Amministrazjoni u saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk tatx l-ordni hi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li jekk dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill u la s-Sindku u lanqas l-amministrazjoni ma jafu b'xogħol esegwit, allura staqsiet min qed joħroġ l-ordnijiet. Is-Sindku qal li jrid jivverifika.

**451.5** **Proposti tat-traffiku**

**451.5.1** Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Julian Borg jekk kienx hemm xi issue li semma fis-Seduta preċedenti dwar din il-materja. Il-Kunsillier Borg rrefera għal-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill fuq dan is-suġġett fejn ġie diskuss il-pjan propost u kien hemm qbil fuq pjan. Hu qal li fil-laqgħa pubblika ġew preżentati pjan A, dak approvat mill-Kunsill, u pjan B, sar jaf bih fil-laqgħa. Is-Sindku qal li kif qal il-Kunsillier Borg diġa kien hemm qbil fuq pjan u għalhekk immexxu fuqu għall-approvazzjoni ma' Transport Malta.

**451.6** **Issue dwar il-parkeġġ fil-Pjazza**

**451.6.1** Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija rigward diversi issues fosthom il-problema ta' parkeġġ fi Pjazza San Nikola u anka d-diversi każijiet ta' serq li qed ikun haw fil-lokalita', kellha tiġi posposta minħabba li l-ispettur ma setax jattendi. Sadanittant, saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' fejn kienu preżenti flimkien miegħu, il-Kunsillier Julian Borg u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Pulizija ressqu żewġ suġġerimenti, li jkun hawn marki u sinjali biex ma jsirx parkeġġ f'nofs il-Pjazza u li jiġu installati carmeras ta' sorveljanza amministrati mil-LESA. Hu qal li meta ingħataw kontravenzjonijiet minnhom u ġew appellati, dawn ġew mirbuħa minħabba li m'hemm xejn li jindika li ma jistax isir parkeġġ. Ġie maqbul li tiġi ffissata laqgħa mal-ispettur biex jiġu diskussi d-diversi issues.

**451.7** **MOU mas-Siġġiewi Heritage Foundation (VO/ 0394)**

**451.7.1** Is-Sindku qal li ltaqa' mal-membru ta' din il-fondazzjoni fejn ġie spjegat ix-xogħol li sar s'issa fejn jaħdmu għal patrimonju mhux biss dak tal-Parroċċa iżda tal-lokalita'. Is-Sindku qal li spjega l-proposta kif diskussa fil-Kunsill fis-seduta preċedenti u għandhom jibagħtu ftehim emendat biex jiġi preżentat lill-Kunsill.

**451.8** **Proposta ta' tqegħid ta' statwa min KBSN**

**451.8.1** Is-Sindku rrefera għall-proposta tal-Każin Banda San Nikola. Hu qal li l-fatt li hemm qbil bejn żewġ għaqdiet hija ħaġa pożittiva u propona li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni mal-proposta kif preżentata.

**451.9** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**451.9.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**451.9.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-applikazzjoni PA/01293/24 *To construct an Enemalta Distribution Centre,* Triq San Nikola, is-Siġġiewi. Huwa saqsa jekk irċevejniex informazzjoni dwar ir-rotta. Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda informazzjoni dwar dan.

**451.10** **Rapport tal-Korrispondenza**

**451.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**451.10.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza SPI.SCI.6.2024 bis-suġġett 'Community Inclusive Employment Scheme 2024'. Hija qalet li tissuġġerixxi li l-Kunsill japplika għal din l-iskema fuq bażi part-time. Is-Sindku propona li l-Kunsill jibgħat l-applikazzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel.

**451.10.3** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Skema SPI/SCI/01/2024 li tiskadi fid-29 ta' Marzu 2024 u qalet li ġie identifikat Ġnien Citta' Ferdinand biex jiġi inkluż f'din l-applikazzjoni. Hija qalet li din l-iskema hija espressjoni ta' interess biex il-Kunsill Lokali jiġi assistit f'xogħolijiet minuri ta' manutenzjoni. Is-Sindku ippropona li ssir l-applikazzjoni fuq Ġnien Citta' Ferdinand. Il-Kunsill unanimament qabel.

**451.10.4** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mit-tfal tal-Ekoskola biex il-Kunsill jinkuraġġixxi lill-għaqdiet u organizzazzjonijiet ma jużawx bżieżaq fiċ-ċelebrazzjonijiet iżda minflok jużaw alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent bħal 'shredded paper'.

**451.10.5** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mill-Maltapost, fejn qed jitolbu li l-Kunsill jidentifika post biex tiġi installata 'parcel locker' li tkun aċċessibbli għall-pubbliku 24/7, u tkun mgħassa b'cameras ta' sorveljanza. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-kumpanija tipproponi post u jekk hemm bżonn issir laqgħa magħhom.

**451.10.6** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ittra legali minn Christopher Bonello, li kellu l-kuntratt LCS34/2020 u li dan ġie terminat f'Diċembru. Is-Sindku qal li din intbagħtet lill-Avukat tal-Kunsill fejn intbagħtet risposta.

**451.10.7** Is-Sindku kompla jgħid li madwar 10 jiem ilu, waqt li kien fl-uffiċċju tal-Kunsill, irċieva telefonata minn numru mhux identifikabbli u kien l-istess Christopher Bonello li qal li ser ipattihielu għax waqqaflu s-servizz fost kliem ieħor ta' theddid. Is-Sindku qal li ta' dan għamel rapport mal-Pulizija u peress li kienet b'telefonata ser jiproċedi b'taħrika l-Qorti. Is-Sindku qal li hemm kuntrast kbir fix-xogħol minn meta twaqqaf dan il-kuntrattur u qed isir xogħol minn kuntrattur ieħor fejn it-tindif reġa rkupra. Il-Kunsillier Julian Borg ikkundanna dan l-att u qal li dawn l-atti ta' intimidazzjoni m'għandhom isiru mkien.

**451.11** **Rapport tal-ilmenti**

**451.11.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**451.12** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**451.12.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**451.13** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**451.13.1** Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm bżonn jinbidlu żewġ mirja tat-traffiku għax inkisru, waħda fit-Triq ta' Kandja faċċata ta' Sqaq u l-oħra f'Ta' Karlozzu. Huwa qal li qed jibgħat pjanta mmarkata bl-email lill-amministrazjoni.

**451.13.2** Is-Sindku informa li l-attivita' li jmiss ta' Jum is-Siġġiewi hija s-serata nhar is-Sibt 16 ta' Marzu, fis-6.00 ta' filgħaxija, fl-iskola Primarja, fil-25 ta' Marzu inawgurazjoni tal-proġett ta' restawr, fejn wara ssegwi l-Via Sagra bil-parteċipazzjoni tal-Brass Band. Is-Sindku ħeġġeġ il-parteċipazjoni tal-Kunsilliera għal dawn l-attivitajiet fejn wara nkomplu bil-preparamenti għal mixgħela f'Ħamis ix-Xirka.

**451.14** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**451.14.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.20 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 t' April 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 8 t'April 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv